# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.5

## Kap 3 : Ġesu fostna

## Lezzjoni 3.5: L-Angli tal-presepju

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. jifhmu bl-importanza tal-Anġli f'din l-istorja;
2. jitgħallmu l-messaġġ tal-Anġli u t-tifsira tagħhom u jiddiskutu dan il-messaġġ.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- **Il-**Karta ta' taħriġ 3.5 (mill-Ktieb)
- Il-Kanzunetta Hark the Herald Angels Sing
  https://www.youtube.com/watch?v=xqooC4ZG75Y



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ikteb il-kelma ANĠLU fuq IWB.
- Iddiskuti x'kien ix-xogħol tal-Anġli fl-istorja tal-Milied.
- Stieden lit-tfal isemmu fejn daħlu l-Anġli fl-istorja tal-Milied. Xi risposti jistgħu jkunu dawn: Fit-Tħabbira – fit-Twelid –
- Fakkar fl-Anġlu Kustodju tagħna li qiegħed magħna u jħarisna.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Islet kemm tista' informazzjoni mingħand it-tfal.
2. Uri l-powerpoint li wrejt fil-lezzjoni ta' qabel. Hawnhekk, agħti importanza lill-anġli.
3. Kompli ddiskuti mat-tfal is-sehem tal-anġli fit-twelid ta' Ġesù Bambin.
4. Stieden lit-tfal jifħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.5 u wara li taqra u tispjega s-silta mogħtija, għin lit-tfal jirrevedu l-istorja u jagħżlu r-risposti t-tajbin. Ir-Risposti huma: 1a - 2a - 3b.
5. Iddiskuti Attività B u oħloq diskussjoni dwar x'seta' kiteb Mario dwar Ġesù. Eżempju: Twieled fqir għax hu jħobb lil kulħadd. L-ewwel nies li rawh kienu nies tajbin għax Ġesù jħobb nies li jkunu hekk.
6. Iddiskuti t-tielet Attività u oħroġ il-punt li mhux biss irridu li nitgħallmu r-reliġjon, imma rridu wkoll li nagħmlu dak li nitgħallmu.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. L-anġli kienu dawk li taw l-aħbar lir-ragħajja.
2. Huma qajmu lir-ragħajja u qalulhom b'Ġesù.
3. Huma wasslu r-ragħajja sa ħdejn Ġesù. Aħna rridu nwasslu lil Ġesù għand l-oħrajn billi nagħmlu kif kien jagħmel hu – inħobbu tassew.
4. Aħna kollha differenti imma Alla xorta jsejħilna biex nersqu lejh.
5. Hu tana l-Anġlu Kustodju tagħna.

## Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)

- It-tfal juru li huma, bħall-Anġli, jridu jġibu l-paċi kull fejn ikunu. Biex iġibu l-paċi, allura, ma jridux ikunu suppervi.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Il-Kanzunetta *Hark the Herald Angels Sing*

  https://www.youtube.com/watch?v=xqooC4ZG75Y



**Nitolbu**

Ġesù, ħafna drabi nixtieq li tgħaddi tiegħu imma mbagħad niftakar x'kantaw l-Anġli fil-lejl tal-Milied.
Ġesù, jien għandi rieda tajba li nġib il-paċi. Għinni dejjem inġib il-paċi kull fejn inkun.

